MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 876/2014

**Nikolina Formosa, Darren Emmanuel Formosa u Alison St. Angelo**

**vs**

**Middlesea Insurance plc (C5553)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tas-socjetà sekwestrata Middlesea Insurance plc li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm imfissra, talbet lil din il-

Qorti thassar u tirrevoka l-mandat ta' sekwestru ezekuttiv fl-ismijiet hawn fuq premessi peress illi s-sekwestranti m'ghandhom ebda titolu ezekuttiv validu skond il-ligi kontra l-istess socjetà esponenti.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta' Nikolina Formosa, Darren Formosa u Alison Sant'Angelo.

Rat id-dokumenti annessi.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r–rikors thalla ghad-decizjoni ghal-lum.

Ikkunsidrat illi permezz ta' dawn il-proceduri Middlesea Insurance p.l.c. qeghda titlob li jithassar mandat ta' sekwestru mahrug kontriha minn Nikolina Formosa, Darren Emmanuel Formosa u Alison St. Angelo.

Il-Qorti tibda biex tiddikjara li fi proceduri ta' din ix-xorta ir-Registratur Qrati Civili u Tribunali m'ghandu ebda "*locus standi*" stante li, f'materja ta' ezekuzzjoni huwa jesegwixxi biss ordnijiet moghtija mill-Qorti.

Jirrizulta illi Emanuel Formosa, zewg Nikolina Formosa u missier ir-rikorrenti l-ohra miet f'incident tat-traffiku fl-20 ta' Jannar. Sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili pronunzjata fid-

9 ta' Gunju 2014 sabet lil Kevin Ellul responsabbli u kkundannatu jhallas l-ammont ta' €84,570.75. F'dawk il-proceduri, Middlesea Insurance, l-assikuratrici tal-vettura ta' Ellul kienet intervjeniet u ressqet l-eccezzjonijiet taghha. Sussegwentement giet mitluba thallas is-somma msemmija. Issa qeghda ssostni li, galadarba hija ma gietx notifikata b'att gudizzjarju a tenur tal-Art. 10(2) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, hija ma tistax tigi tenuta thallas id-danni likwidati mill-Qorti permezz tas-sentenza.

L-Art. 10(2) jipprovdi testwalment illi:

> *"Ebda somma ma jkollha tithallas mill-assiguratur awtorizzat taht id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu-*
>
> *(a) B'effett ta' sentenza, kemm-il darba qabel jew fi zmien sebat ijiem wara tmiem il-provi tal-attur fil-procediment li fih tkun giet moghtija s-sentenza, ma jinghatax avviz ta' dak il-procediment b'att gudizzjarju lill-assiguratur awtorizzat."*

Middlesea Insurance, fil-kawza kontra Kevin Ellul talbet u ottjeniet il-permess li tintervjeni fil-kawza. Fil-kliem tal-istess rikors taghha f'dik il-kawza:

> *"Is-socjetà assikuratrici saret taf illi giet intavolata il-kawza odjerna.*

*Is-socjetà esponenti ghandha interess li tintervjeni fil-kawza odjerna, u taghmel ir-risposta taghha u dan stante li jekk il-konvenut jinstab responsabbli ghall-incident mertu ta' din il-kawza l-istess socjetà assikuratrici tista' tigi obbligata li taghmel tajjeb ghal dawn id-danni u dan skond il-provvedimenti tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Din il-Qorti tqis illi r-raguni wara l-htiega tan-notifika ta' att gudizzjarju hija sabiex jigi accertat li assikuratrici tingieb a konoxxenza ta' proceduri kontra l-assikurat taghha bil-ghan li din ma tigi qatt rinfaccata b'sitwazzjoni ta' "*fait accompli*" minghajr ma tkun inghatat kull opportunità li tittutela l-interessi legittimi taghha. Fil-kaz in ezami dan l-ghan intlahaq tajjeb. Middlesea kienet konxja tal-proceduri, tant li ippartecipat fihom. Il-ligi fil-fuq citat Art. 10(2) issemmi "att gudizzjarju". Middlesea kienet giet moghtija r-rikors guramentat mill-klijent taghha stess, u dan fi stadju bikri tal-proceduri, bejn sentejn u nofs qabel mal-Qorti qieset il-provi tal-attur maghluqa, (ara referenza fl-istess sentenza), u sena qabel ma l-Qorti kkonfermat il-kontumacja ta' Kevin Ellul.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti tqis li l-vot tal-ligi fil-kuntest kien kjarament sodisfatt.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba ta' Middlesea Insurance plc kif dedotta fir-rikors taghha tas-7 ta' Ottubru 2014.

L-ispejjez jithallsu minn Middlesea Insurance plc.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------